MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-28 ta' Awwissu, 2007

Numru 421/2007

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Redent Ciantar
Melvin Borg
Kirsten Brincat
Wayne Zammit
Andrew Victor Galea

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Redent Ciantar, Melvin Borg, Kirsten Brincat, Wayne Zammit u Andrew Victor Galea detenturi ta’ karti ta’ identita’ numru 317288M, 165990M, 49791M, 506892M u 133490M rispettivament, akkuzati talli;

Nhar is-7 ta' Mejju 2007 gewwa il-Marsa ghall-habta tal-11:30 p.m. fi Triq il-Marsa u gewwa Triq San Tumas ikkommettew serq ta' 'telefon cellulari' tal-ghamla Samsung Mudell D900 u flus kontanti liema valur ta' dawn l-oggetti ma jeccediex il-mitt Lira Maltin a detriment ta' Simon Yves Molondo mill-Algerija, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur u dan ai terminu tal-artikoli 261, 262, 267, 270, 274(d) u 276(A) tal-Kodici Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi alternattivament fl-istess cirkostanzi ircevew flus jew oggetti gejjin minn serq skond l-Artikolu 334 tal-Kap 9.

Fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi kkagunaw griehi ta' minghajr importanza fuq il-persuna ta' Simon Yves Molondo u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess lok, hin u taht l-istess cirkostanzi hebbew ghall-persuna ta' Simon Yves Molondo u dan ai terminu tal-artikolu 339 (d) tal-artikolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istess lok, dati u hin grew bil-qawwi fit-toroq jew fil-pjazez, b'perikolu li jahbtu ma' xi hadd u jwegghuh u dan bi ksur tal-artikolu 338(cc) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn jirrizulta li fuq ammissjoni l-kawza kontra Redent Ciantar, Melvin Borg, Kristen Brincat u Wayne Zammit giet deciza.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li anke fil-konfront tal-imputat Andrew Victor Galea l-kawza tigi trattata bi procedura sommarja, mhux opposta mill-imsemmi imputat Andrew Victor Galea.
Rat il-fedina penali netta ta' dan l-akkuzat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Ikkonsidrat:

L-ammissjoni tal-imputat hi wahda volontarja u inkondizzjonata b'hekk li l-akkuzi kontra tieghu jinsabu pjenament pruvati b'tali ammissjoni.

L-akkuzi jirrigwardaw serq semplici, l-ikkagunar ta' feriti lievissimi u l-kontravenzjoni taht l-Artikolu 338(cc) tal-Kap 9.

In kwantu ghal piena, wara li tiddikjara l-imputat hati tal-akkuzi kollha kontrih dedotti; u wara li rat l-Artikolu 284, 285, 221, 338(cc) u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi stante l-eta tieghu u l-fedina penali netta li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u konsegwentement tpoggih taht il-harsien ta' ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta' tlett snin mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------